2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u ai termini tal-Artikolu 18(3), tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li qed jingħata s-setgħa illi jieħu deċiżjonijiet ordinarji iżda mhux straordinarji rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi b'dan però li f'każi li jkollha tittieħed deċiżjoni urġenti jew straordinarja – il-Qorti għandha tiġi infurmata b'mod immedjat u tiġi infurmata wkoll bid-dettalji tal-fatti u għala tali sitwazzjoni kienet meqjusa bħala waħda urġenti. Inoltre jekk ikun hemm intenzjoni ta' delegar ta' tali setgħet, fl-ewwel lok din il-Qorti trid tiġi infurmata immedjatament u qabel ma fattwalment iseħħ tali delegar u għandha tingħata l-informazzjoni kollha fuq il-persuna li fuqha hemm l-intenzjoni li ssir tali delegazzjoni ta' setgħet sabiex sussegwentement din il-Qorti tara jekk għandhiex tawtorizza/tikkonferma tali delegar o meno;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u ai termini tal-Artikolu 18(3), jekk jerġa' jibda l-aċċess u/jew il-kuntatt

In the Juvenile Court

Magistrate: Dr Abigail Critien, BA, Trib. Eccl, Melit., LLM (Family Law) London LLD

The Court,

Having seen the application of the Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare services dated 27th May, 2025, and in virtue of which it declared that it is of the professional opinion that the minor … omissis … shall be protected by issuing a Protection order without the intention of reintegration in terms of the Cap. 602 of the Laws of Malta;

1. Upholds the first demand and in terms of Article 18 (3), authorises the minor to continue to reside in a residence liċensed and approved by the respective authority and the Director of the Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare services, however the Court is ordering that:

Limitedly to those cases where an urgent decision has to be taken – the Court shall be informed of any move of residence or considerable change in the life of the minor immediately and shall also be informed of the details of the facts and why such situation was deemed to be urgent;

In all other circumstances the Court should be informed of any intention to move residence or considerable changes in the life of the minor and that such intention be communicated also to the children's Advocate who is being appointed in this cause and namely Dr Stephanie Caruana. The Court is making it clear that no transit should take place without the prior authorisation of the Court;

2. Limitedly upholds the second demand and in terms of Article 18 (3), entrusts the care and custody of the minor to the Director of the Alternative care Directorate (Children and Youths) who is being given the power to take ordinary but non-extraordinary decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments but in cases where an urgent or extraordinary decision has to be taken – the Court should be informed immediately and be it is also informed of the details of the facts and why such a situation was considered urgent. In addition, if there is an intention to delegate such powers, in the first place this Court has to be informed immediately and before such delegation actually takes place and all the information on the person on whom there is an intention to make such delegation could be given so that subsequently this Court will see whether it should authorise/confirm such delegation or otherwise;

3. Uphold limitedly the third demand and in terms of Article 18 (3), if access and/or contact between the minor

bejn il-minuri u l-omm, tordna li kwalunkwe kuntatt u aċċess bejn il-minuri u l-omm għandu jkun taħt superviżjoni u għandu jkun regolat mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) b'dan li l-istess Direttorat qed jingħata l-fakultà li wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt. L-istess Direttorat qed jingħata wkoll l-awtorizzazzjoni li jiddetermina, anke pendente lite, il-metodoloġija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ. Id-Direttorat qed jingħata wkoll il-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi jew iżid l-aċċess fl-aħjar interessi tal-minuri b'dan però li f'każ li jkollu l-intenzjoni li jissospendi jew jittermina tali aċċess, allura f'dak il-każ il-Qorti tordna li għandha tiġi infurmata immedjatament b'tali intenzjoni permezz ta' nota fl-atti tal-kawża sabiex sussegwentement din il-Qorti tara jekk għandhiex tawtorizza u /jew tikkonferma tali intenzjoni o meno.

4. Tilqa' r-Raba' talba u konsegwentement, tawtorizza lill-ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żagħżagħ) sabiex japplika u jagħmel dak kollu li hu neċessarju mad-Dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri mingħajr awtorizazzjoni u/jew firma tal-omm;

Il-Qorti qed tagħmilha ċara li m'għandu jsir ebda safar mingħajr l-awtorizazzjoni tagħha.

5. Tilqa' l-ħames talba u tappunta r-rikors odjern għas-smigħ għal nhar l-10 ta' Ġunju, 2025, fid-8.45 a.m. li ġiet differita għas-17 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m. ai termini tal-Artikolu18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lid-Direttorat u/jew id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) sabiex tamministra kwalunkwe vaċċin u/jew tilqim rakkomandat minn tobba u professjonisti mediċi;

7. Tilqa' s-seba' talba u ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta tappunta lil Dott. Stephanie Caruana bħala avukat tat-tfal sabiex tipprovdi spjegazzjoni, tipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, tassisti u tippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din il-Qorti;

8. Dwar it-Tmien u d-disa' talbiet il-Qorti tirriserva li tiddeċiedi fl-istadju opportun u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess talbiet f'dan l-istadju u dan sakemm jinstemgħu l-provi quddiemha;

… omissis …

Tordna n-notifika ta' dan id-digriet fost ohrajn lil Vera Okoro.

and the mother resumes, order that any contact and access between the minor and the mother shall be supervised and shall be regulated by the Directorate alternative care (children and youths) provided that the same Directorate is being given the faculty that after examining the benefit for the minor from such access, authorise such contact. The same Directorate is also being authorised to determine, even pendente lite, the contact methodology and administer it is supervision or monitoring. The Directorate is also being given the faculty to take decisions to reduce, extend or increase access in the best interests of the minor but in case it intends to suspend or terminate such access, then in that case the Court orders that it should be informed immediately with such intention by means of a note in the records of the cause so that subsequently this Court sees whether it should authorise and/or confirm such intention or not.

4. Upholds the Fourth request and consequently, authorises the social workers within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) to apply and do whatever is necessary with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the child's passport without the authorisation and/or signature of the mother;

The Court is making it clear that no travel should take place without its authorisation.

5. Upholds the fifth demand and appoints the present application for hearing for the 10th June, 2025, at 8.45 a.m. which hearing was postponed to the 17th October, 2025, at 9.30 a.m. in terms of the Article18(5) of Cap. 602 of the Laws of Malta;

6. Upholds Sixth request and authorises the Directorate and/or Director Alternative Care (Children and Youths) to administer any vaccine and/or vaccines recommended by doctors and medical professionals;

7. Uphold the seventh demand and in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta appoints Dr Stephanie Caruana as children's advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the minor's views before this Court;

8. Regarding the Eighth and Ninth demands the Court reserves its right to decide at the opportune stage and consequently abstains from taking cognizance of the same demands at this stage and this till the evidence is heard before it;

… omissis …

Orders the service of this decree amongst others to Vera Okoro.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2397

ARB/C024/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 199/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SPIRIDIONE GOODLIP, impjegat, ta' 44 sena, iben il-mejjet William u Carmen xebba Hill, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-18 ta' Ġunju, 1981, residenti fi 30, Lauredai, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 323081M.

Il-Qorti TORDNA r-rilaxx tal-propjetà l-oħra kollha, inkluża ukoll il-propjetà immobbli li tinsab f'San Pawl il-Baħar bl-indirizz kif msemmi fid-digriet tal-Qorti datat 10 ta' Settembru, 2025, mill-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fuq SPIRIDIONE GOODLIP, bl-eċċezzjoni tas-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) li preżentement tinsab depożitata fil-kont bankarju miżmum mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u liema somma għandha tibqa depozitata f'dan il-kont bankarju skont il-liġi.

Il-Qorti TORDNA wkoll ir-rilaxx tal-kontijiet bankarji kollha reġistrati f'isem SPIRIDIONE GOODLIP u miżmuma mal-Bank of Valletta plc, mil-ordni ta sekwestru u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD), fit-13 ta' April, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' April, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' SPIRIDIONE GOODLIP.

Illum 19 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C024/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th September, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dott. Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 199/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SPIRIDIONE GOODLIP, employee, 44 years, son of the late William and Carmen née Hill, born in Tal-Pietà, Malta, on the 18th June, 1981, residing at 30, Lauredai, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke and holder of Maltese identity card bearing number 323081M.

The Court ORDERS the release of the property including also the immovable property situated in St Paul's Bay with the address as listed in the Court decree dated 10th September, 2025, from the seizing and freezing order issued on SPIRIDIONE GOODLIP with the exception of the sum of thirty thousand euro (€30,000) that presently is deposited in the bank account held by the Director of the Asset Recovery Bureau and that such sum shall be kept deposited in this bank account as stipulated by law.

The Court further ORDERS the release of all the bank accounts registered in the name of SPIRIDIONE GOODLIP and held by the Bank of Valletta plc, from the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 13th April, 2021, which was published in the Government Gazette on the 16th April, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to SPIRIDIONE GOODLIP.

Today 19th Settembru, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2398

ARB/C103/2025 – ORDNI TA' FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-16 ta' Settembru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Yana Micallef Stafrace, LLD), Kumpilazzjoni Numru 812/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

STEPHEN MICHAEL SAMMUT NURMINEN, accountant, ta' 39 sena, iben Charles Sammut u Maria Anneli Sammut xebba' Nurminen, imwieled f'Carlton, Melbourne, Victoria, l-Awstralja, fl-10 ta' Frar, 1986, u resident f'99, Taurus, Flat 2, Triq il-Labour, In-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 301197M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputat STEPHEN MICHAEL SAMMUT NURMINEN milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu sal-limitu ta' miljun, disgħa u tmenin elf u sitt ewro (€1,089,006) u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 22 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C103/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th September, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD), with Compilation Number 812/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

STEPHEN MICHAEL SAMMUT NURMINEN, accountant, 39 years, son of Charles Sammut and Maria Anneli Sammut née Nurminen born in Carlton, Melbourne, Victoria, Australia, on the 10th February, 1986, and residing at 99, Taurus, Flat 2, Triq il-Labour, Naxxar, and holder of a Maltese identity card bearing number 301197M.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to STEPHEN MICHAEL SAMMUT NURMINEN and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by him or being in his possession up to the limit of one million, eighty nine thousand and six euros (€1,089,006), and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5 and Article 23A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 22nd September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2399

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-14 ta' April, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 14th April, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3)

sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Golden Harvest MFg Co. Ltd (C176) ta' UB 21, Industrial Estate, San Ġwann, ippreżentaw Talba, fl-10 ta' April 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil The Donut Factory Company Limited (C52706) ta' Chapelle Court, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, u Eva Fekete bħala company secretary tas-soċjetà The Donut Factory Co. Ltd ta' 2, Triq A. Caurana Gatto, Ħ'Attard u Enk Peter Valter bħala direttur tas-soċjetà The Donut Factory Co. Ltd ta' 2, Triq A. Caruana Gatto, Ħ'Attard, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3306.13, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 93/2025MD) hija differita għat-23 ta' Ottubru, 2025, fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti MaġistratiMalta), illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Golden Harvest Mfg Co. Ltd (C176) of UB 21, Industrial Estate, San Ġwann, filed a Claim on the 10th April 2025 whereby they asked the Tribunal to condemn The Donut Factory Company Limited (C52706) of Chapelle Court, Triq il-Mosta, St Paul's Bay and Eva Fekete as company secretary of the company The Donut Factory Co. Ltd of 2, Triq A. Caruana Gatto, Ħ'Attard, and Enk Peter Valter as director of the company The Donut Factory Co. Ltd of 2, Triq A. Caruana Gatto, Ħ'Attard, to pay the plaintiff company the sum of €3306.13, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 93/2025MD) is deferred on the 23rd October, 2025, at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of MagistratesMalta), today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2400

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Ġunju, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Attard Bros Constrution Materials Ltd ta' Mikesand, Qasam Industrijali, Ta' Qali, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Ġunju, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Francis sive Frankie Seychell (KI 2771M) ta' Franmar Court, Flat 5, Triq Dun Ġużepp Gonzi, Ħal Tarxien, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,713.64, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 142/2025CC) hija differita għall-20 ta' Ottubru, 2025, fis-12.40 p.m.

Reġistru tal-Qorti MaġistratiMalta), illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 9th June, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Attard Bros Constrution Materials Ltd of Mikesand, Qasam Industrijali, Ta' Qali, filed a Claim on the 5th June, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Francis sive Frankie Seychell (ID 2771M) of Franmar Court, Flat 5, Triq Dun Ġużepp Gonzi, Ħal Tarxien, to pay the plaintiff company the sum of €4,713.64, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 142/2025CC) is deferred on the 20th October, 2025, at 12.40 p.m.

Registry of the Courts of MagistratesMalta), today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2401

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju, 2024, fuq talba ta' Michael Bartolo et ġie ordnat biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruni diretti taċ-ċens mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1436/2024 fl-ismijiet Michael Bartolo et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1436/2024 fl-ismijiet Michael Bartolo iben Gerald u Carmen née Cardona imwieled il-Belt Valletta fl-10 ta' Ottubru, 1947, u residenti fil-fond 51, Settembrina, Triq il-Bjad, In-Naxxar (KI 922647M) u Maria Bartolo, bin George Engerere u Gaetana Engerer née Marquette, imwielda l-Marsa fil-21 ta' Settembru, 1952, u residenti fil-fond numru 51, Settembrina, Triq il-Bjad, In-Naxxar (KI 69305M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Carmelo Attard bin Francesco Theresa née Borg imwieled u joqgħod in-Naxxar li ma jistgħux jiġu rintraċċati u/jew mhumiex magħrufa u tas-soċjetà kummerċjali Sunsea Planning Group (D1695) Limited (C461) li ma jistgħux jigu rintraċċati u/jew mhumiex magħrufa ppreżentat fit-3 ta' Lulju, 2024, fejn Michael Bartolo (KI 922647M) u Maria Bartolo (KI 693052M) jesponu bir-rispett:

L-esponenti huma s-sidien tal-proprjetà ossija l-maisonette bin-numru 51 bl-isem Settembrina, fi Triq il-Bjad, In-Naxxar, bl-arja inkluża u (KIf ukoll garaxx anness mal-imsemmija proprjetà u parzjalment sovvrastanti żewġ garaxxijiet fil-livell terran (groundfloor level) u sovvrastanti kumpless ta' garaxxijiet fl-livell sottoterran magħruf bħala Settembrina fi Triq il-Bjad, In-Naxxar, suġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm20 ekwivalenti għal €46.59, liema somma kellha tinqasam fl-ammont ta' €13.96 bħala ċens oriġinali dovut lis-suċċessuri fit-titolu a' Carmelo Attard bin Francesco u Theresa née Borg imwieled u joqgħod in-Naxxar bħala sidien tad-dirett dominju perpetwu u l-ammont ta' €33.62 bħala ammont ta' ċens dovuta lis-suċċessuri fit-titolu tas-soċejtà kummercjali Sunsea Planning Group Limited bħala sidien tad-dirett dominju perpetwu altrimenti libera u franka minn drittijiet favur terzi persuni hekk (KIf murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawnhekk annessa u mmarkiata bħala Dok. A.

L-esponenti akkwistaw l-imsemmija proprjetà mingħand Antoine Portelli (KI 340667M) u Maria sive Marion Portelli (KI 565065M) in forza ta' att pubbliku datat 16 ta' Ottubru, 2000, in atti tan-Nutar Dott. Gerald

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 5th July, 2024, following a request of Michael Bartolo et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown direct owners of the groundrent, in the acts of the schedule of deposit number 1436/2024 in the names Michael Bartolo et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1436/2024 in the names Michael Bartolo, son of Gerald and Carmen née Cardona, born in Valletta on the 10th October, 1947, and residing at 51, Settembrina, Triq il-Bjad, Naxxar (ID 922647M) and Maria Bartolo, daughter of George Engerer and Gaetana Engerer née Marquette, born in Marsa on the 21st September, 1952, and residing at 51, Settembrina, Triq il-Bjad, Naxxar (ID 693052M) vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of Carmelo Attard, son of Francesco and Theresa née Borg, born and residing in Naxxar that cannot be traced and/or are unknown and the commercial company Sunsea Planning Group (D1695) Limited (C461) that are unknown and/or cannot be traced filed on the 3rd July, 2024, whereby Michael Bartolo (KI 922647M) u Maria Bartolo (KI 693052M) respectfully submitted:

The applicants are the owners of the property or rather the maisonette number 51 named Settembrina, in Triq il-Bjad, Naxxar, with the airspace included as well as a garage annexed with the said property and partially overlying two garages at ground floor level and overlying a complex of garages at the underground level known as Settembrina in Triq il-Bjad, Naxxar, subject together to the annual and perpetual groundrent of Lm20 equivalent to €46.59, which sum was to be divided in the amount of €13.96 as original groundrent due to the successors in the title of Carmelo Attard son of Francesco and Theresa née Borg born and residing in Naxxar as owners of the perpetual direct dominium and the amount of €33.62 as amount of groundrent due to the successors in the title of the commercial company Sunsea Planning Group Limited as owners of the perpetual direct dominium otherwise free and unencumbered from rights in favour of third parties as shown in red on the site plan hereby attached and marked as Doc. A.

The applicants acquired the said property from Antoine Portelli (ID 340667M) and Maria sive Marion Portelli (ID 565065M) in virtue of a public deed dated 16th October, 2000, in the records of Notary Doctor Gerald Spiteri

Spiteri Maempel, (KIf jidher mill-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok. B.

L-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom mill-Artikoli 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jifdu dan iċ-ċens, liema ċens qiegħed jiġi mifdi a spejjeż tal-imsemmija esponenti.

L-esponenti permezz ta' ċedola ta' fidi bin-numru 505/2023 diġà ppreżentaw l-ammont ta' €931.80 inkonnessjoni mal-imsemmi fidi ta' ċens.

Irrizulta però illi fl-imsemmija ċedola ċ-ċens imsemmi ġie kapitalizzat bir-rata ta' 5% flok bir-rata ta' 4% (KIf oriġinarjament kellu jsir.

Illi għaldaqstant sabiex l-imsemmi ċens jiġi mifdi totalment l-esponenti għad fadallhom iħallsu l-ammont ta' €232.70.

Billi mhuwiex magħruf lil min għandu jiġi mifdi iċ-ċens kontestwalment ma' din ic-ċedola, l-esponenti qegħdin jippreżentaw rikors b'talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru flokhom. Dan ir-rikors qiegħed jiġi hawnhekk anness u mmarkat bħala Dok. C.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha, jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma ta' €232.70 sabiex jifdu dan iċ-ċens, liema somma għandha tiġi liberament mogħtija lill-intimat wara li dan iħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, 126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Reġistratur tal-Artijiet

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Maempel, as appears from the contract hereby attached and marked as Doc. B.

The applicants wish to avail themselves of the right given to them by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta to redeem this groundrent, which groundrent is being redeemed at the expense of the said applicants.

The applicants by means of a schedule of deposit and redemption of groundrent bearing number 505/2023 have already presented the amount of €931.80 in connection with the said redemption of groundrent.

It resulted however that the said schedule of deposit was capitalised at the rate of 5% instead of the rate of 4% as originally had to be done.

That thus in order that the said groundrent be redeemed in full the applicants still have to pay the amount of €232.70.

Since it is not known who is to be redeemed the groundrent together with this schedule of deposit, the applicants are filing an application with a request for the appointment of deputy curators to appear in their place. This application is hereby attached and marked as Doc. C.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority, pass on to deposit the sum of €232.70 to redeem this groundrent, which sum is to be freely given to the respondent after this leaves the due receipt according to law.

Notication: Director Public Registry, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy Curators

Registrar of Lands

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Illum 5 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 5th July, 2024

Registry of the Superior Courts, today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2402

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' Lawrence Busuttil et ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Gerald Grech, fl-atti taċ-ċedola numru 973/2024 fl-ismijiet Lawrence Busuttil et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 973/2024 fl-ismijiet Lawrence Busuttil, irtirat, bin Anthony u Veneranda née Vella, imwieled il-Kalkara fit-tmienja ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (8/8/1939) u residenti 'Amapola', Triq San Leonardu, Kalkara, (572239M) u martu Lorenza Busuttil, mart Lawrence, irtirata, bint William Ferrel u Antonia née Gatt imwielda r-Rabat, Malta, fit-tmienja u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgħin (28/11/1940) u residenti 'Amapola', Triq San Leonardu, Il-Kalkara (772840M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi ta' Gerald Grech, bin Jospeh u Giuseppa née Gerada, imwieled Ħaż-Żabbar u gia residenti Ħaż-Żabbar, ippreżentat fit-30 ta' April, 2024, fejn Lawrence Busuttil u martu Lorenza Busuttil jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossiedu l-fond bin-numru tnax (12) u bl-isem ta' 'Amapola', Triq San Leonardu, Il-Kalkara, (KIf suġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) ekwivalenti għal ħames liri Maltin (Lm5), immarkati fuq is-site plan annessa u mmarkata bħala Dok. 'A', u dan (KIf aħjar deskritt fl-att ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dott. Carmelo Lia tat-tmintax ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (18/2/1977), Dok. 'B', dan il-fond huwa residenza tal-mittenti;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan l-istess ċens u li għalhekk jammonta għal mitejn u tlieta u tletin ewro (€233).

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 6th May, 2024, following a request of Lawrence Busuttil et it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown heirs of Gerald Grech, in the acts of the schedule of deposit number 973/2024 in the names Lawrence Busuttil et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 973/2024 in the names Lawrence Busuttil, retired, son of Anthony and Veneranda née Vella, born in Kalkara on the eighth August of the year one thousand nine hundred and thirty nine (8/8/1939) and residing at 'Amapola', Triq San Leonardu, Kalkara, (572239M) and his wife Lorenza Busuttil, wife of Lawrence, retired, daughter of William Ferrel and Antonia née Gatt born in Rabat, Malta, on the twenty eight th November of the year one thousand nine hundred and forty (28/11/1940) and residing at 'Amapola', Triq San Leonardu, Kalkara (772840M) vs Deputy Curators to represent the heirs of Gerald Grech, son of Jospeh and Giuseppa née 'Gerada, born in Ħaż-Żabbar and resided in Ħaż-Żabbar, filed on the 30th April, 2024, whereby Lawrence Busuttil and his wife Lorenza Busuttil respectfully submitted:

That the applicants possess the premises with number twelve (12) and with the name 'Amapola', Triq San Leonardu, Kalkara, as subject to the annual and perpetual groundrent of eleven euro and sixty five cents (€11.65) equivalent to five Maltese liri (Lm 5), marked on the site plan attached and marked as Doc. 'A', and this as better described in the deed of sale published by Notary Dr Carmelo Lia dated eighteenth February of the year one thousand nine hundred and seventy seven (18/2/1977), Doc. 'B', this premises is the residence of the interpellant;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to two hundred and thirty three euro (€233).

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont kumplessiv ta' tliet mija u żewġ ewro u disgħin ċenteżmu (€302.90) rappreżentanti mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu, ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) pagament tal-lawdemju u tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€58.25) arretrati ta' ħames (5) snin ċens, biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global amount of three hundred and two euro and ninety cents (€302.90) representing two hundred and thirty three euro (€233) price of redemption of this annual and perpetual groundrent, eleven euro and sixty five cents (€11.65) laudemium payment and fifty eight euro and twenty five cents (€58.25) arrears of five (5) years groundrent, to be freely withdrawn by the owners, after leaving the relative receipt.

Mittenti: 'Amapola', Triq San Leonardu, Il-Kalkara

Interpellant: 'Amapola', Triq San Leonardu, Kalkara

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Notify: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Kuraturi Deputati

Deputy Curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD, Doctor of Laws.

Illum 6 ta' Mejju, 2024

This 6th May, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Settembru, 2025

Registry of the Superior Courts, today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2403

Bandu għall-Kuraturi

Banns for Curators

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

To the Marshall of the Courts

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' Rita Grech ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw lis-sidien taċ-ċens mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru

By means of a decree given by this Court on the 6th May, 2024, following a request of Rita Grech it was ordered to appoint deputy curators to protect the interests and represent the owners of the unknown groundrent, in the acts of the

942/2024 fl-ismijiet Rita Grech vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 942/2024 fl-ismijiet Rita Grech, mhux miżżewġa, bint Victor Grech u Victoria Grech née Gauchi, imwielda Tas-Sliema fis-6 ta' Ottubru, 1962, u residenti f'Seaspray Court, Flat 3, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa (KI 665562M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien taċ-ċens mhux magħrufa ppreżentat fil-25 ta' April, 2024, fejn Rita Grech tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti tippossiedi l-fond ossija l-appartament internament immarkat numru tnejn (2) formanti parti mill-blokk uffiċjalment immarkat numru tlieta u tmenin (83), Carmel Street, Ħal Tarxien, inkluż il-ġardina u l-arja sottostanti u jinkludi sehem prorata tal-partijiet komuni tal-blokka flimkien mas-sidien tal-appartament l-oħra tal-blokka, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ewro u erbgħin ċenteżmu (€1.40) (KIf muri fuq is-site plan annessa u mmarkata Dok. 'A', u dan (KIf aħjar deskritt fl-att tal-akkwist ta' diviżjoni tan-Nutar Dott. Jean Paul Farrugia tat-tmienja u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (28/11/2008), Dok. ' B';

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u tifdi dan l-istess ċens u li għalhekk jammonta għal tmienja u għoxrin ewro (€28).

Għaldaqstant, l-esponenta qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tgħaddi sabiex tiddepożita l-ammont globali ta' sitta u tletin ewro u erbgħin ċenteżmu (€36.40) rappreżentanti ta' tmienja u għoxrin ewro (€28) prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija, seba' ewro (€7) arretrati ta' ħames (5) snin ċens u ewro u erbgħin ċenteżmu (€1.40) ħlas ta' lawdemju, biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Mittenti: Rita Grech, Seaspray Court, Flat 3, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

schedule of deposit number 942/2024 in the names Rita Grech vs Deputy Curators to represent in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 942/2024 in the names Rita Grech, unmarried, daughter of Victor Grech and Victoria Grech née Gauchi, born in Tas-Sliema on the 6th October, 1962, and residing at Seaspray Court, Flat 3, Dawret it-Tunnara, Mellieħa (ID 665562M) vs Deputy Curators to represent the owners of the unknown groundrent filed on the 25th April, 2024, whereby Rita Grech respectfully submitted:

That the interpellant possesses the premises or rather the apartment internally marked number two (2) forming part of the block officially marked number eighty three (83), Carmel Street, Tarxien, including the garden and the underlying airspace and includes a pro-rata share of the common parts of the block together with the owners of the other apartment of the block, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances subject to the annual and perpetual ground rent of one euro and forty cents (€1.40) as shown on the site plan attached and marked Doc. 'A', and this as better described in the deed of acquisition of division of Notary Dr Jean Paul Farrugia dated twenty eight November of the year two thousand and eight (28/11/2008), Doc. 'B';

That the interpellant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of the Civil Code and redeem the same groundrent and thus amounts to twenty eight euro (€28).

Thus, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the global amount of thirty six euro and forty cents (€36.40) representing twenty eight euro (€28) price of redemption of this perpetual groundrent burdening the above mentioned immovable, seven euro (€7) arrears of five (5) years groundrent and one euro and forty cents (€1.40) payment of a laudemium, to be freely given to the owners, after leaving the due receipt.

Interpellant: Rita Grech, Seaspray Court, Flat 3, Dawret it-Tunnara, Mellieħa

Notify: Director Public Registry, West Street, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Mejju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD, Doctor of Laws.

This 6th May, 2024

Registry of the Superior Courts, today 19th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2404

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-1 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' Martin Mercieca et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Rosemarie Langoc Jones, Roland Miggiani, Brian Raymond Mercieca u l-eredi mhux magħrufa a' Austin Camilleri (KI 269228M), Victor Camilleri (KI 89316M) u Mary sive Marie Josephine Formosa née Camilleri fl-atti tar-Rikors numru 859/2025GG, fl-ismijiet Martin Mercieca et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Martin Mercieca (KI 0164267M) f'ismu proprju, Ignatius sive Louis Bugeja (KI 460335(M), Francis sive Frank Camilleri (KI 204461M), Rachel Gregory (KI 166271M), Patricia Mercieca (KI 954645(M), James Pace (KI 511372M), Christine Podesta (KI 0136452M), Rachel Zammit Tabona (KI 268859M), Edward Hugh Arrigo (KI 814837M), Patricia Horzella (KI 292255M), Eric Pace Bonello (KI 392526M), Hugh Arrigo (KI 0121659M), Christine Buhagiar (KI 0561157M), Anna Wirth (KI 0376326M), George Bartolo Parnis (KI 262256(M), Anthony Bartolo Parnis (KI 78263(M), Joanna Bonnici (KI 389153(M), Christine Pace Bonello (KI 255147M), Adrian Castillo (KI 0196546M), Geraldine D'Agata (KI 0264560M), Theresa Brousson (KI 0443963M), Nicholas Camilleri (KI 785559M), Dott. Peter Caruana Galizia f'isem u għan-nom tal-assenti minn

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

